Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,644, 24 ta' Lulju, 1998
Taqsima B

A.L. 182 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Psychology in Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) - or in Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) - or in Educational Psychology - M.Psy. (Ed.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Psychology in Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) - or in Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) - or in Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Psychology in Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) - or in Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) - or in Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1997 jew wara.

Emenda għall-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Immedjatament wara l-kliem "Biex jidħlu fil-kors il-kandidati" fil-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu dawn il-kliem "għandhom ikunu profiċjenti fl-Ilsien Malti u".

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

4. Għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin wara l-paragrafu (6) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali:

"(7) L-istudenti li jeħlu f'waħda jew f'aktar mit-taqsimiet studju li jsiru fit-tieni sena jistgħu jerġgħu jagħmlu t-test jew it-testijiet jew jerġgħu jissottomettu l-assenjament darba, qabel isir l-eżami finali. L-ogħla grad li jista' jingħata għal din il-valutazzjoni mill-ġdid huwa l-grad D.

(8) L-istudenti li jeħlu fil-pjazzamenti prattiċi tat-tieni sena u/jew f'xi waħda mit-taqsimiet studju għandhom ikunu meħtieġa jħallu l-Kors."

5. Il-paragrafi (7), (8) u (9) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandhom ikunu nnumerati mill-ġdid (9), (10), u (11).

6. Minflok il-paragrafu (9) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(9) L-eżami finali għandu jikkonsisti f'żewġ partijiet li jistgħu jkunu jew żewġ karti bil-miktub jew karta bil-miktub u eżami orali."

7. Minflok il-paragrafu (10) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(10) L-istudenti li jeħlu f'parti jew fiż-żewġ partijiet ta' l-eżami finali għandhom ikunu meħtieġa joqogħdu għar-riparatorju f'dik il-parti jew f'dawk il-partijiet ta' l-eżami li weħlu minnhom darba biss, normalment f'Settembru."

8. Il-paragrafu (10) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.